**343. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' PARTI MINN CAVALIER HOUSE, VALLETTA, LILL-GVERN TAL-IRAQ

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Gvern tar-Repubblika tal-Iraq parti minn Cavalier House, Valletta kif deskritta aħjar fl-Abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-Paragrafu (c) tas-Sub-Artikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li l-Art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita 'skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-Trasferiment';

U billi huwa xieraq li t-Trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżuluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati:

Għalhekk huwa b'dan riżolut li parti minn Cavalier House, Valletta deskritta fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mikrija lill-Gvern tar-Repubblika tal-Iraq għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess Abbozz.

13.07.1981